MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2012

Numru 830/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond Aquilina)**
**(Spettur Noel Cutajar)**

**vs**

**-Omissis-**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **–Omissis-**

Talli fil-granet ta’ bejn is-26 ta’ Settembru 2004 u l-1 t’Ottubru 2004 fil-fond ‘Ta’ Pawlina’, Triq tal-Gebel Birzebbuga, u/jew fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer;

Bla ordni skond il-ligii ta’ awtorita’ kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-provat li jarresta lill-

hati, arresta, zamm jew issekwestra lil –Omissis- kontra l-volonta' t'ommha –Omissis-;

Naqas li jobdi l-ordinijiet legittimi tal-Pulizija jew ta' wiehed li jkun inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku fil-qadi ta' dmirijietu;

Aktar talli sar recidiv b'sentenza definittiva moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fl-20 ta' Frar 2001;

F'kaz ta' htija l-Qorti hija mitluba li biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' -Omissis u l-familja taghha ai termini tal-artikolu 383 et sequitur tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet il-provi;

Rat ir-rinviju tal-avukat generali tal-20 ta' Mejju 2005 li permezz tieghu baghat lill-imputat sabiex ikun ggudikat minn din il-Qorti fil-konront tal-artikoli 86, 338(ee), 383, 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali. Rat ukoll illi l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni sabiex il-kawza tieghu tkun trattata u deciza minn din il-Qorti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat tressaq quddiem din il-Qorti sabiex iwiegeb ghall-akkuzi dedotti kontra tieghu wara li l-eks siehba tieghu rrapurtat lill-pulizija illi kien qed jirrifjuta jirritorna lil bintha wara li din ghamlet xi zmien ghand l-imputat. Kif jemergi mill-provi, t-tifla in kwistjoni hija ukoll il-wild naturali tal-imputat izda dan ma kienx formalment notat fl-atti tat-twelid taghha u ghallhekk kienet registrata bhala missier mhux mgharuf. Dan jidher li kien sar bi ftehim bejn l-imputat u l-eks siehba tieghu ghal skopjiet ta' beneficcji socjali, mhux biss dwar din it-tifla izda ukoll dwar tifla ohra taghhom. Filwaqt illi l-Qorti tiddeplora dan l-agir u tissolecita lill-prosekuzzjoni tiehu nota ta' dan, dawn huma l-fatt li jemergu mill-provi u li jridu jkunu konsiderata ghad-determinazzjoni ta' din il-kawza;

Jemergi ukoll illi din it-tifla kienet sikwit taghmel perjodi twal ghand missierha, jigifieri l-imputat, u l-ahhar okkazzjoni bhal din kien is-sajf kollu precedenti l-akkadut fejn it-tifla wriet ix-xewqa li ma tirritornax ghand ommha u dan minhabba li kienet issawatha u kellha problema bl-alkahol. L-imputat ghalhekk irrikorra ghall-ghajnuna ghand l-agenzija Appogg li wara li spjegalhom dak hawn fuq rilevat, tawh il-parir sabiex ikellem avukat fejn hu fehem ukoll illi ma kellux jirritorna it-tifla ghand ommha. In effetti huwa zamm it-tifla d-dar tieghu u ddecieda ukoll illi jibdlilha l-iskola sabiex tibda tattendi l-iskola ta' fejn joqghod hu tant li fil-gurnata li bdiet l-iskola ha lit-tifla tieghu u halliha mal-assistant head li sabilha l-klassi taghha;

F'din il-kawza xeedu diversi persuni inkluz *social workers* mill-agenzija Appogg li kkonfermaw illi omm it-tifla kellha problemi relatati mal-alkahol u t-tifla kienet ukoll rrapurtat swat anke jekk mhux ta' portata gravi. Pero' xi problemi kien hemm u l-omm kienet issa taht kontroll u kien jidher li ghamlet titjib serju;

Issa, l-akkuza principali dedotta kontra l-imputat hija dik ravvizata fl-artikolu 86 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovi hekk:
"***86.*** *Kull min, bla ordni skont il-liġi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, jarresta, iżomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volontà tagħha, jew jagħti l-post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn:*
Huwa evidenti minn ezami ta' dan l-artikolu illi l-ewwel rekwizit li jehtieg li jkun pruvat huwa dak tal-arrest jew zamma **kontra l-volonta'** tas-suggett. Kif jemergi b'mod inkonfutabbli mill-provi, kienet it-tifla stess li sahqet ma' ommha li tmur ghand missierha tant li ommha xehdet u kkonfermat bil-gurament illi bintha kienet tinsisti li tmur ghand missierha. Din ma kienitx okkazzjoni ta' dakinhar biss ghaliex it-tifla kienet ilha ghand missierha sajf intier u fl-ahhar talbet lill-missierha sabiex tibqa' mieghu minhabba li ma rieditx tmur lura d-dar ghal divesi

ragunijiet: il-problemi li kellha ommha u n-nuqqas ta' spazju fid-dar taghha. L-imputat ddecieda li ma jibghatx lit-tifla lura ghand ommha wara li kien ha l-pariri mehtiega mill-agenzija Appogg fejn jirrizulta illi dak li fehem hu kien li m'ghandux jirritorna t-tifla. Meta l-pulziija accedew fil-fond tal-imputat tard matul il-lejl huwa rrifjuta li jtihom it-tifla ghaliex it-tifla kienet rieqda u dak ma kienx hin li jsiru hwejjeg bhal dawn. Minkejja dan, huwa qajjem it-tifla sabiex jurihom li kienet tinsab sewwa u f'sahhitha. Inoltre, l-arrest jew detenzjoni illegali huwa ukoll insostenibbli meta l-imputat stess wassal it-tifla l-iskola u halliha fil-kustodja tad-dirigenti tal-istess skola, haga din li certament tinnewtralizza l-effett tal-arrest jew detenzjoni illegali;

Fl-isfond tal-assjem tal-provi, inkluz ix-xhieda ta' omm it-tifla li kkonfermat ma din il-Qorti illi fil-mori tal-kawza l-affarijiet ttrangaw b'mod li issa l-hajja taghhom hija regolata ahjar u ma hemmx aktar inkwiet; fl-isfond fejn it-tifla ma ttelghetx tixhed quddiem din il-Qorti ghal gid taghha u tar-relazzjoni mal-genituri taghha; fl-isfond fejn l-imputat agixxa ghall-ahjar ben essere tat-tifla tieghu; hija l-fehma ta' din il-Qorti illi ma jirrizultawx l-elementi rikjesti fl-artikolu 86 tal-Kap 9. Il-Qorti hija aktar konvinta minn dan meta tinnota illi fl-artikoli tieghu, l-avukat generali naqas milli jindika l-aggravju ghal dan ir-rejat jigifieri l-artikolu 87(h) li jirreferi ghall-artikolu 202 (h) meta r-rejat isir kontra minuri;

Kwantu dak li jikkoncerna l-ksur tal-artikolu 338(ee) jigifieri n-nuqqas li persuni tobdi l-ordinijiet legitttimi tal-pulizija, irid jinghad illi meta l-pulizija accedew fil-fond tal-imputat huwa rrifjuta li jirrilaxxjaha fil-kustodja taghha ghaliex dawk kienu l-istruzzjonijiet li hu kien fehem li inghata mill-Agenzija Appogg. Issa, f'cirkostanzi bhala dawk, f'dawk il-hinijiet tal-lejl, r-rifjut tal-imputat huwa wiehed komprensibbli tant li l-imputat stess qajjem lit-tifla sabiex juri lil pulizija li ma kienx qed izommha b'mod kif lilhom rrapurtat u li kienet it-tifla stess kienet li ma rieditx tmur lura ghand ommha. Cirkostanzi dawn li ma jistghux jikkonducu ghal sejbien ta' htija;

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx htija fl-imputat u qed tilliberah mill-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu.

Sabiex tipproteggi l-identita tal-minorenni, l-Qorti tordna d-divjet tal-publikazzjoni ta' isem l-imputat, ta' omm il-minuri u tal-minuri stess.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------